**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta tal-Hamis 12 ta' Novembru 2020.**

**Rikors nru: 97/2013 AGV**

**AB**
**Vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fl-10 ta' Mejju, 2019** li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. …Illi fl-inkwadratura tal-kontenut fl-intier tieghu kollu ta' dan ir-rikors odjern, inkluz id-dokument mehmuz MJP, u l-kontenut tieghu debitament konfermat taht gurament, din il-Wisq Onorabbli Qorti qieghda umilment tigi mitluba biex fl-inkwadratura tal-Kodici Civili, Kapitolu 16, tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli kollha indikati minn Artikolu 66A sa Artikolu 66N,

bid-diversi sub-artikoli u sub-incizi li hemm, din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja li jezistu elementi legalment u fattwalment gusitifkanti li z-zwieg bejn il-kontendenti konjugi B li sehh kif deskitt fl-atti processwali ta' dil-kawza, ghandu jigi dikjarat mahlul permezz tal-procedura tad-divorzju.

**Rat ir-risposta tal-esponenti CB** pprezentata fl-14 ta' Gunju 2019;

1. Illi l-esponenti ma ssibx oggezzjoni ghal tali talba tad-divorzju maghmula mir-rikorrenti, bejn il-partijiet fis-sentenza finali taghha, stante li fl-umli fehma taghha l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju ai temini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16, jissustistu kif ser jintwera' ahjar fil-mori tal-kawza, **ma taqbilx li tali pronunzjament ghandu jsir billi tigi attribwita lill-esponenti xi forma ta' htija, kif ir-rikorrenti qieghed jipprova jattribwixxi fir-rikors tieghu u specifikament fid-dokument MJP mehmuz mal-istess rikors.** Tali pronunzjament ghandu jinghata ghr-ragunijiet skont kif jirrizultaw, u ghad irid jigi ppruvat tul s-smiegh tal-kawza.
2. Illi ghaldaqtsant, fil-fehma tal-esponenti tali talba tar-rikorrenti ghandha tintlaqa' limitatament u specifikament biss sabiex kull fejn mill-atti processwali hemm referenza ghall-Firda legali bejn il-kontendenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha taqra u tara dik ir-refernza bhala talba ghall-Hall taz-zwieg, u dan taht kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti, jidhriliha xierqa u opportun.

Rat illi t-talba tar-rikorrenti giet ridotta ghal dik taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66F tal-Kap 9.

**IKKUNSUDRAT**

Illi r-rikors tal-attur hu wiehed fejn qed jintalab l-applikazzjoni tal-Artikoli kollha tal-ligi li jirregolaw id-divorzju, liema Arikoli gew introdotti fis-sistema legali taghna permezz tal-Att XIV tal-2011. B'kollox hemm erbatax-il Artikolu li jipprovdu ghal diversi sitwazzjonijiet fejn divorzju jista' jinghata bejn zewg partijiet.

Fil-kaz odjern, l-attur qabad l-artikoli kollha u talab lill-Qorti l-applikazzjoni taghhom kollha, minghajr wisq distinzjoni bejniethom. Tant hu hekk, li in konkluzjoni tar-rikors, talab li "din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja li jezistu elementi legalment u fattwalment gusitifkanti li z-zwieg bejn il-kontendenti konjugi B li sehh kif deskitt fl-atti processwali ta' dil-kawza, ghandu jigi dikjarat mahlul permezz tal-procedura tad-divorzju."

Fil-fehma tal-Qorti, dan ma jistax isehh. Harsa fuq fuq lejn l-istess Artikoli juri bic-car li kull wiehed mill-erbatax-il artikolu citat jipprovdi ghal sitwazzjoni differenti minn dak ta' qablu u ta' warajh. Ma jaghmilx sens li l-attur jaqbad u jikkwota l-Artikoli kollha, u jippretendi li ghandha tkun il-Qorti li tislet u tapplika hi l-Artikolu aktar rilevanti ghall-kaz, meta sahansitra qed jitlob li jinghata d-divorzju meta l-kawza ghadha pendenti, u ghadhom ma nstemghux il-provi kollha tal-konvenuta.

Huwa ghalhekk li l-Qorti stiednet lill-partijiet jindikaw ezatt x'qed jintalab mill-Qorti. Di fatti, ir-risposta tal-konvenuta hija wahda aktar cirkoskritta lejn il-bdil ta' din il-kawza minn pronunzjament ta' separazzjoni ghal wahda ta' divorzju.

F'dan id-dawl, il-Qorti tista' tilqa' tali talba, anke in vista tal-fatt li anke l-konvenuta taqbel li l-kawza ssir wahda ta' divorzju. Dan necessarjament ifisser li mas-sentenza finali, minnflok tigi ppronunzjata s-separazzjoni, il-partijiet jigu ddikjarati divorzjati minn xulxin, u ghalhekk l-effetti kollha taz-zwieg jigu mahlula. Kif gia' spjegat, dan jista' jsehh biss mas-sentenza finali u mhux fil-mori tal-kawza. Li jista' jsir biss f'dan l-istadju huwa li l-kawza titqies bhala wahda ta' divorzju, u titkompla daqs li kieku hi kawza ta' divorzju. Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talba attrici limitatament fis-sens hawn fuq spjegat.

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talba attrici limitatament kwantu jirrigwarda li t-talba ghas-separazzjoni maghmula fil-kawza titqies minflok bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**